30 ta' Ottubru, 1945.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Gertrude Bruno ne.** *versus* **Avv. Dr. Edgar Buhagiar et ne.**

**Ġurisdizzjoni — Frustieri — Art. 749, no. 7 tal-Proċedura Ċivili — Section 145 ta' l-"Army Act".**

*Biex il-Qorti Tagħna jkollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' kawża kontra persuni li ma humiex domiċiljati u lanqas preżenti f'dawn il-Gżejjer, fuq il-motiv li s-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer, mhux biżżejjed il-possibilità ta' dik l-eżekuzzjoni; imma hemm bżonn li dawk il-persuni jkollhom beni f'dawn il-Gżejjer li fuqhom il-ġudikat jista' attwalment jiġi eżegwit; għax dik il-possibilità ta' eżekuzzjoni tista' tiġi nieqsa fejn jonqos kull mezz ta' eżekuzzjoni, sija fuq il-beni billi l-konvenut ma jippossjedix beni f'dawn il-Gżejjer, sija fuq il-persuna billi l-konvenut, lanqas biss temporaneament, ma jkun jinsab f'dawn il-Gżejjer.*

*Fil-każ preżenti t-talba kienet għall-manteniment ta' tarbija illeġittima ta' suldat li twieldet mir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-attriċi. Billi dak is-suldat ma kienx preżenti f'Malta u ma kellux beni f'Malta li fuqhom is-sentenza setgħet tiġi eżegwita, ġie ritenut li l-Qorti Tagħna ma kellhomx ġurisdizzjoni fil-każ; u dan avvolja l-"Army Act" jistabbilixxi r-responsabbiltà tas-suldat għall-manteniment ta' tarbija tiegħu illeġittima.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, fil-kwalità tagħha fuq indikata, wara li ppremettiet illi l-minorenni fuq imsemmi twieled mir-relazzjonijiet bejnha u l-imsemmi Do-

nald Henry David Crawford, tant li dana rikonoxxieh per mezz ta' att publikat minn-Nutar Victor Miller fit-28 ta' Settembru 1943 (dok. A u B); u illi l-istess minorenni jinsab fil-bżonn u l-imsemmi missier naturali tiegħu jista' u huwa obligat imantnieh; talbet illi l-konvenut nomine jiġu kundannati jħallsu lilha fl-interess ta' l-istess minorenni pensjoni alimentarja fil-mod, żmien u ammont li jiġu stabbiliti skond iċ-ċirkustanzi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti minħabba d-difett ta' ġurisdizzjoni;

Illi l-attriċi tinvoka n-numru 7 ta' l-art. 749 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jassoġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' dawn it-Tribunali "all individuals in regard to any engagement entered into in favour of one of His Majesty's subjects, whensoever the sentence can be carried into effect in these Islands";

Illi però, skond il-kostanti ġurisprudenza ta' dawn it-tribunali, l-aħħar kliem tat-test fuq ċitat—"whensoever the sentence can be carried into effect in these Islands"—ġew interpretati fis-sens illi biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni tat-Tribunali Tagħna hemm bżonn li fil-bidu tal-kawża jkun hemm f'dawn il-Gżejjer beni tal-frustier, mhux domiċiljat u lanqas preżenti f'dawn il-Gżejjer, li fuqhom ikun jista' jiġi eżegwit il-ġudikat ("Page vs. Denaro", Vol. XIV, pag. 26; "Ellul vs. Dr. Chapelle", Vol. XVI-III-1; "Denarco vs. Revello", Vol. XXVI, Parte I, Sez. II, pag. 37);

Illi l-attriċi ma tikkontrastax il-fatt illi l-konvenut ma kellux beni f'dawn il-Gżejjer meta hija introduċiet it-talba, u lanqas il-lum ma għandu; imma tirrileva illi hemm possibilità li s-sentenza tiġi eżegwita, il-għaliex, kif xehed il-Maġġur William Taylor, jekk suldat—il-konvenut huwa surġent fir-Reġiment tar-"Royal Artillery"—ikollu tarbija illeġittima u jiġi dikjarat mill-Qorti missier dik it-tarbija, u jiġi kundannat imantniha, l-eżerċitu jħallas lill-omm dik t-tarbija ammont ugwali għal dak iffissat mill-Qorti għall-manteniment ta' dik it-tarbija;

Illi huwa veru li fl-"Army Act" hemm provvediment li jirrigwarda r-responsabilità ta' suldat għall-manteniment ta'

tarbija illegittima (sect. 145); imma dana kollu ma jiġġjova lill-attriċi, il-għaliex ġie wkoll konstantement ritenut mill-ġurisprudenza tagħna (l-aħħar tnejn mis-sentenzi fuq ċitati) illi ma tibbastax, għall-finijiet tad-dispożizzjoni fuq indikata il-possibilità li s-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita, għaliex dik il-possibilità tiġi nieqsa fejn jonqos kull mezz ta' eżekuzzjoni, sija fuq il-beni jekk il-konvenut ma jippossjedix beni f'dawn il-Gżejjer, sija fuq il-persuna jekk huwa, lanqas biss temporanjament ma jinsabx f'dawn il-Gżejjer. Din il-possibilità f'dan il-każ hija bażata fuq il-fatt illi, billi l-konvenut huwa suldat, l-eżerċitu jħallas ċerta somma għall-manteniment tal-minorenni fuq imsemmija; liema event jista' jfalli. Jekk difatti l-konvenut jitlaq minn suldat, kif xehed l-imsemmi Maġġur Taylor, l-eżerċitu ma jħallasx;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u tikkundanna l-attriċi għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-ġudizzju.